# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 32/2008/2 AF**

**Medcast Foundry Limited (C-1768)**

**v.**

**Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha Malta Industrial Parks u permezz ta' digriet tat-30 ta' Novembru 2020 ġiet awtorizzata annotazzjoni li Malta Industrial Parks hija issa magħrufa bħala INDIS Malta Ltd**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell wara kawża tas-soċjeta` attriċi permezz ta' liema ilmentat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' April 2008 fl-ismijiet Malta Development Corporation et v. Medcast Foundry Limited hija leżiva tad-drittijiet tagħha sanċiti permezz tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni

Ewropea, għaliex ma ġietx deċiża minn Qorti imparzjali. Is-soċjeta` appellanti kienet ġiet żgumbrata mill-fabbrika minn fejn kienet topera permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 30 ta' Novembru 2007. Hija kienet sussegwentement intavolat kawża ta' ritrattazzjoni minn din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell, komposta mill-istess ġudikanti li kienu ddeċidew is-sentenza ritrattata, kienet ċaħdet it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament. Is-soċjeta` appellanti tikkontendi illi l-fatt li t-talba tagħha għas-sospensjoni tas-sentenza ritrattata mill-istess ġudikanti li ddeċidew l-appell tagħha kasbar id-dritt tagħha għal smigħ xieraq, u ressqet il-proċeduri odjerni.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "…stante l-urgenza, (1) taghti provvediment temporanju billi tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet Malta Development Corporation et v Medcast Foundry Limited (2) tiddikjara li d-decizjoni tas-16 ta' April, 2008, tivvjola l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress li l-istess kwestjoni ma gietx deciza minn qorti imparzjali (3) taghti kull provvediment iehor, inkluz li tiddikjara dawk il-partijiet tal-ligi tal-Kap 12 li ghandhom x'jaqsmu mas-sospensjoni tal-effetti ta' sentenza li fuqha jkun hemm ritrattazzjoni (4) taghti kumpens adegwat lill-esponenti."

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex kienet biss id-deċiżjoni dwar it-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ritrattata li ġiet deċiża mill-istess ġudikanti u din id-deċiżjoni ma tolqot bl-ebda mod il-mertu tal-kawża ritrattata.

4. Malta Industrial Parks Limited, illum INDIS Malta Ltd, eċċepiet illi s-soċjeta` rikorrenti naqset milli titlob l-astensjoni tal-ġudikanti li kienu qed jifformaw il-Qorti tal-Appell fil-mori tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni u għalhekk qablet mal-komposizzjoni ta' dik l-istess Qorti, li l-proċedura għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' sentenza hija proċedura straordinarja u l-liġi turi ċar illi tali sospensjoni waqt proċeduri ta' ritrattazzjoni hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u li fil-każ li t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti fil-kawża ta' ritrattazzjoni jiġu milqugħa għandha a disposizzjoni tagħha rimedju ordinarju u ċioe` azzjoni għar-riżarċiment tad-danni li tkun sofriet.

5. Bis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2011 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u waqfet milli teżercita s-setgħat tagħha wara li kkonsidrat li s-soċjeta` attriċi kellha rimedju ordinarju xieraq a disposizzjoni tagħha għall-ksur allegat minnha. Din is-sentenza kienet ġiet revokata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 3 ta' Frar 2012, u l-atti ġew rimessi lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.

6. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-20 ta' Ġunju 2017 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi, tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha."

7. Is-soċjeta` attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-7 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti għal kontinwazzjoni tal-każ fil-mertu, kemm-il darba din il-Qorti ma tiddeċidix li tgħaddi hija stess għad-deċizjoni fuq il-mertu hija stess.

8. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-14 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema issottometta illi l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

9. Malta Industrial Parks Limited, illum INDIS Malta Ltd, preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-6 ta' Diċembru 2017 permezz ta' liema ssottomettiet illi la kien hemm leżjoni u wisq anqas ma hemm lok għal xi rimedju.

**Ikkonsidrat;**

10. Fit-30 ta' Mejju 2018, Malta Industrial Parks Limited, illum INDIS Malta Ltd, preżentat rikors fl-atti ta' dan l-appell permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar din il-kawża mil-lista u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Dan wara illi ppremettiet li fil-11 ta' Ottubru 2013 kien ġie pubblikat avviż fil-ġurnali permezz ta' liema l-pubbliku kien ġie nfurmat mir-Registratur tal-Kumpaniji illi l-kumpaniji imsemmija f'dak l-avviż, li waħda minnhom kienet is-soċjeta` appellanti, kellhom jitqiesu

xolti kif jgħaddu tlett xhur mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, filwaqt li l-attiv tal-istess kumpaniji kellu jiddevolvi favur il-Gvern ta' Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. L-Avukat Ġenerali preżenta r-risposta tiegħu fit-22 ta' Ġunju 2018 permezz ta' liema, filwaqt li ddikjara li ma joġġezzjonax għat-talba imsemmija, irrileva li l-liġi, u senjatament l-Artikolu 325 (2) u (3) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, jipprovdi illi l-attiv ta' kumpanija li titħassar minn fuq il-lista tar-Reġistru tal-Kumpaniji jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta, liema attiv huwa ben definit mill-istess liġi.

12. Fl-4 ta' Lulju 2018 is-soċjeta` appellanti preżentat ir-risposta tagħha permezz ta' liema ddikjarat li kienet ser tużufruwixxi ruħha minn dak li jipprovdi l-Artikolu 325 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji u ċioe` li tistitwixxi azzjoni sabiex terġa' titwaqqaf il-kumpanija. Din il-kawża kienet fil-fatt ġiet intavolata mis-soċjeta` appellanti permezz ta' rikors datat 27 ta' Settembru 2018 fl-ismijiet Maurice Vassallo Eminyan v. Reġistratur tal-Kumpaniji et (Rikors numru 18/2018). It-talba ta' Vassallo Eminyan kienet pero` ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Kummerċ permezz ta' sentenza datata 6 ta' Ottubru 2020, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021. Jirriżulta għalhekk illi s-soċjeta` appellanti qatt ma reġgħet twaqqfet.

13. Huwa indiskuss illi l-personalita` ġuridika ta' kumpanija tispiċċa meta din tiġi kanċellata mir-Registru.[1] Fil-fatt l-Artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji jipprovdi testwalment illi:

> "Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distintaminn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti."

14. Mill-atti jirriżulta illi isem is-soċjeta` appellanti ġie mħassar mir-reġistru ai termini tal-Artikolu 325 (2) tal-Att Dwar il-Kumpaniji f'Jannar 2014, u li l-isforzi ta' Maurice Vassallo Eminyan sabiex isem l-istess kumpanija jerġa jitqiegħed fuq ir-reġistru sfaw ta' xejn peress illi t-talba appożita ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell. Ir-rikors tal-appell li ta lok għal proċeduri odjerni ġie intavolat f'Lulju 2017 u ċioe` ben tlett snin wara t-tħassir tal-isem is-soċjeta` appellanti mir-reġistru. Għalhekk huwa car illi meta dan l-appell ġie intavolat, is-soċjeta` appellanti ma kinitx għadha legalment teżisti, għaliex skont il-liġi hija kienet waqfet teżisti f'Jannar 2014. Rigward l-argument illi l-attiv ta' din il-kumpanija għadda f'idejn il-Gvern, il-Qorti tqis illi peress illi ma jirriżultax illi saret, u wisq anqas li intalbet li ssir, il-leġittimazzjoni tal-atti sabiex l-atti ta' din il-kawża jiġu trasfużi f'isem persuna li tista' legalment tidħol fiż-żarbun tas-soċjeta` appellanti ma tistax issir u l-Qorti tqis illi dan l-appell huwa irritu u null.

---

[1] Ara per eżempju: **Dr. Leslie Grech v. Reġistratur tas-Soċjetajiet** (Appell, 09/10/1979).

15. Fid-dawl tan-nullita` tar-rikors tal-appell stante li ġie intavolat minn persuna ġuridika li dak iż-żmien kienet legalment waqfet milli teżisti, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara r-rikors tal-appell irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr